Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

Data tal-laqgħa: 21 ta' Frar 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Andrè Grech – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

Il-laqgħa ma xxandrietx *live* fuq l-*internet* u lanqas ġiet rekordjata peress li kien hemm l-apparat bil-ħsara.

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.20pm. Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 56. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

57.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati.

## 57.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

57.3.1 Para 56.3.3 - Bozoz ma jixgħelux f'Wied Ħal Balzan
Is-Sindku infurma li l-bozza ta' fuq *St George's Store* għadha mhix tixgħel. Se nerġgħu nibgħatu *reminder* lill-Enemalta biex jikkonnektjawha.

57.3.2 Para 56.3.4 – GoTo *reserved parking bays*
Is-SE infurmat li se nerġgħu nibgħatu *reminder* lill-TM peress li għadna qed nistennew direzzjoni.

57.3.3.1 Para 56.3.5 – Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *power wash*
Għad irridu niċċekkjaw ma' Kunsilli oħra biex naraw x'azzjoni qed jieħdu fuq il-problema tal-ħamiem.

57.3.3.2 Is-SE infurmat li l-AKL bdiet proġett fuq il-kontroll tal-ħamiem u ġejna avviċinati biex insibu 3 postijiet fejn jistgħu jiġu installati silos. Is-SE qalet li kitbet lis-sidien għall-approvazzjoni biex jiġu installati fuq il-bejt tal-Każin PL, tal-Każin PN u tas-Sala Aurora u għadna qed ninstennew risposta.

57.3.4 Para 56.3.6 - Taxi stand quddiem il-Corinthia
Is-SE infurmat li għadna mingħajr risposta u se nerġgħu nibgħatu *reminder*.

57.3.5 Para 56.3.8 - *Reverse Vending Machines*
Is-Sindku infurmat li se ssir laqgħa mal-BCRS.

57.3.6 Para 56.4.3 – *Speed tables*
Is-SE infurmat li għad trid issir l-applikazzjoni għall-permess minn TM.

57.3.7.1 Para 56.4.4 – *Used Oil Recycled Project*
Il-Kunsill kellu laqgħa mal-kumpanija. Il-Kunsill approva li jitpoġġa kontenitur għaż-żejt domestiku f'Wesgħa Profs. Ġużè Aquilina, maġenb il-kontenitur tal-ħwejjeġ.

57.3.7.2 Il-kumpanija talbet ukoll li jitpoġġa kontenitur ieħor tal-ħwejjeġ. Il-Kunsill m'approvax.

57.3.8 Para 56.15.1 - Kwotazzjoni biex tiġi rilokata siġra
Is-SE infurmat li għad trid iġġib kwotazzjonijiet oħra.

57.3.9 Para 56.15.6 - *Zebra Crossings* f'Wied Ħal Balzan
Is-SE infurmat li kitbet lill-TM u ma rċivejna l-ebda risposta.

## 57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.4.1 <u>Laqgħa mal-Ambaxxata tal-Kuwait</u>
Is-Sindku infurma li rċieva stedina mill-Ambaxxata tal-Kuwait, fl-okkażżjoni tal-Jum Nazzjonali. Is-Sindku ser jattendi.

57.4.2 <u>Laqgħa dwar il-kontijiet tas-servizz tal-ġbir ta' skart</u>
Is-Sindku infurma li se ssir laqgħa dwar il-proċess ta' kif ser isir biex jitħallsu l-kontijiet tas-servizz tal-ġbir ta' skart. Għal din il-laqgħa ser tattendi s-SE.

## 57.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

57.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 57.6 Rapporti

57.6.1.1 <u>*Tender for the Services of an Accountant and Accounting Technician* – BLC 03/2023</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 03/2023.

57.6.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta' Mark Debono u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

## 57.7 Vakanza ta' Skrivani (Skala 15)

57.7.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda għas-sejħa interna (Skrivan – Skala 15) li ħarġet fil-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni. Kien hemm qbil li l-intervista ssir illum stess, wara l-laqgħa tal-Kunsill u l-Bord tal-għażla ser ikun magħmul minn:

- Sindku Dr Angelo Micallef
- Viċi Sindku Mary Louise Briffa
- Kunsillier Stephen Gatt
- Kunsillier Oliver Nicholas De Gaetano
- Segretarju Eżekuttiv

57.7.2 Il-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni għas-sejħa interna ta' Skrivan – Skala 15 (*Back-to-Back*), li għalqet ukoll illum, u għalhekk is-SE se tinforma lill-Jobsplus biex ngħaddu għall-pass li jmiss.

## 57.8 Skemi Finanzjarji

57.8.1 <u>*National STEM Community Fund*</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja maħruġa minn Esplora.

## 57.9 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima u l-madwar

57.9.1 Il-laqgħa mat-*Traffic Management Consultant* tar-Reġjun għadha ma saritx għax kellu impenji oħra.

## 57.10 Permessi maħruġa mill-Kunsill

57.10.1 Is-SE infurmat li xi kultant qed ikollhom kwistjonijiet ma' kuntratturi li jiġu biex japplikaw għall-permessi, b'mod partikolari meta jkun jeħtieġ għeluq ta' triq jew karreġġata.

57.10.2 Is-SE qalet li bħala uffiċċju dejjem jesiġu li jkun hemm uffiċċjal tat-traffiku jassisti matul il-ħin tal-permess meta jingħalqu / jiġu ostakolati t-toroq kollha minbarra sqaqien / toroq li ma jinfdux.

57.10.3 Il-Kunsill qabel li din il-*policy* għandha tibqa'.

## 57.11 *Slow Streets*

57.11.1 Is-Sindku nfurma kellu laqgħa mal-Ministeru tal-Ambjent, flimkien mas-Sindki ta' Ħal Lija, Ħ'Attard, Msida Ġżira u Ta' Xbiex, fejn qed jistiednu l-dawn il-Kunsilli biex possibbilment napplikaw għall-Fondi tal-EU biex isir proġett bħal ma' kien se jkun il-proġett *Slow Streets.* Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni trid tkun waħda bejn tliet Kunsilli (Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard) f'daqqa.

57.11.2 Is-Sindku ippropona Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina billi din hi l-unika triq li m'hemmx residenti fiha. Din it-triq tingħalaq għat-traffiku, nhar ta' Ħadd bejn id-9.00am u s-2.00pm, u tinbidel f'*open play ground*. Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li napplikaw.

57.11.3 Is-Sindku infurma wkoll li se jitqabbad *Professional Consultant* biex jieħu ħsieb l-applikazzjoni f'isem it-tliet Kunsilli. Se nġibu kwotazzjoni għal dan is-servizz.

## 57.12 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

57.12.1 Is-SE ressqt għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għall-*Community Greening Grant* maħruġa minn Project Green għall-proġett tal-*Environmentally Friendly Car Park.* Il-Kunsill unanimament approva li tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

57.12.2 Is-Sindku infurma li l-Perit tal-parir li napplikaw ukoll mal-PA għall-permess taż-żvilupp, biex jekk tiġi approvata l-iskema, l-Kunsill ikollu l-permessi kollha f'idejh. Il-Kunsill approva.

## 57.13 Ħsara quddiem l-*ex-Dolphin Centre*

57.13.1 Is-Sindku nfurma li din il-parti ta' Triq il-Kbira kellha ssir *one lane* minħabba l-ħsara kbira li hemm fit-triq. TM neħħew l-*parking* miż-żona biex it-traffiku jgħaddi aħjar. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Stephen Gatt għax kien ta' għajnuna kbira f'din il-problema.

57.13.2 Is-Sindku qal li għaddejja korrispondenza mas-Sur Ivan Falzon (CEO - IM), fejn illum kellu telefonata, fejn infurmah li:

1. Sakemm tissolva din il-kwistjoni, il-proġett ta' *resurfacing* ta' Triq il-Kbira se jpoġġuh *on hold;*
2. Il-*pipe* kulħadd qed jgħid li mhux tiegħu, u għalhekk irid jiġi identifikat jekk hux funzjonabbli;
3. Irridu nsiru nafu ta' min hu biex ninfurmaw lill-IM (minn natura tiegħu jindika li dan ma sarx aktar qabel 10 – 15 -il sena ilu).

57.13.3 Is-Sindku qal li tlabna lista tal-permessi ta' *trenching* li kien hemm f'dawn l-aħħar snin, f'dik il-parti tat-triq. Is-SE infurmat li għada se ssir *site inspection* mill-perit tal-Kunsill.

57.13.4 Kien hemm qbil li nqabbdu kuntrattur biex iniżżel *fiber optic camera* fil-*pipe* biex naraw fejn iwassal u jekk hux funzjonabbli. Se nġibu xi kwotazzjonijiet. Apparti minn hekk, kien hemm qbil li nieħdu parir legali.

## 57.14 Bankina fi Triq San Franġisk

57.14.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill bl-andament tal-laqgħa li kellu ma' TM dwar il-bankina proposta. Is-Sindku qal li qed nistennew risposta minn TM dwar il-proposta tal-Kunsill.

## 57.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

57.15.1.1 <u>Bankina fi Triq il-Karenza</u>
Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano talab li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem dar nru. 16 għax tħalliet fi stat ħażin. Talab li joħroġ mill-kamra u ma jipparteċipax fid-diskussjoni, peress lid-dar tiġi t'ommu. Il-Kunsilliera talbuh jibqa' preżenti.

57.15.1.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li ninfurmaw lill-kuntrattur li ħadem hemm biex jibdel il-kurduna.

57.15.2.1 <u>Palazzo Olivier</u>
Is-sid qed jitlob li l-bozza li hemm mal-faċċata tersaq aktar 'il fuq (fuq il-garaxx tal-istess binja). Dan għaliex qed isir restawr tal-Palazz u l-faċċata ser tkun mixgħula simili tal-Kurja. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-ispejjeż relatati max-*shifting* jitħallsu mis-sid.

57.15.2.2 Qed jitlob ukoll li jitneħħa l-*parking* kollu li hemm tul il-faċċata, peress lit-triq hija dejqa u l-karozzi kontinwament jipparkjaw quddiem il-bieb prinċipali u l-garaxx. Din it-talba ma ġietx approvata. Il-Kunsill japprova li jkun hemm aċċess għall-bieb prinċipali u l-garaxx, kif titlob il-liġi.

57.15.3 <u>Jum Ħal Balzan 2023</u>
Kien hemm qbil li din is-sena Jum Ħal Balzan jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru 2023, jew il-Ħadd 29 ta' Ottubru f'każ ta' temp ħażin.

## 57.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

57.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/23, li tinkludi l-ammont ta' €91.23c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2023.

57.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 57.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.40pm.

57.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |